# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 85

## IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 85

L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

85.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Stephen Sultana, tas-Sur Maximillian Zammit, tas-Sur Keith Tanti u tas-Sur Anthony Dalli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

85.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 84 li saret nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017, kienu meħuda bħala moqrija.

84.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 85.3 Komunikazzjoni mill-President

85.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lil membri preżenti li dan ir-Reġjun ser joħroġ *Expression of Interest* fil-jiem li ġejjin wara li d-Direttur tad-DLG, is-Sur Adrian Mifsud, infurmah li l-ammont ta' €200,000 ser jiġu trasferiti fl-kont bankarju tar-Reġjun sa tmiem din il-ġimgħa.

85.3.2 Il-President spjega li waħda mill-*Expression of Interest* ser tkun sabiex ir-Reġjun ikollu koordinatur fuq il-fondi ewropej u s-servizz tiegħu ikun offrut lir-Reġjun kif ukoll lill-Kunsilli Lokali u l-NGOs li jaqgħu fi ħdan ir-Reġjun.

85.3.3 Kull Kunsill ser ikollu ħames siegħat allokati għal kull xhar u dan il-kuntratt ser ikun għal perjodu ta' sena. Dan il-proġett għandu jidħol fis-seħħ minn Novembru 2017 sa' Novembru 2018.

85.3.4 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, staqsa dwar jekk hux ser jingħataw aktar fondi għal dan il-proġett wara li tkun intemmet l-ewwel sena.

85.3.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami spjega li l-ħsieb jidher li dan il-proġett ser jitkompla però dwar dan għad m'hemm xejn bil-miktub. Madankollu, il-Kunsill Lokali xorta jista' jagħmel użu minn dawn il-fondi sabiex jkun jista' jiġib fondi oħra mill-Unjoni Ewropea.

85.3.6 Il-membri qablu unanimament dwar dan.

85.3.7 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, aġġorna lil membri bl-ammonti ġodda tad-dħul mill-multi pendenti kif ukoll qassam rendikont dettaljat lil kull Kunsill Lokali.

85.3.8 Il-membri preżenti unanimament qablu li d-dħul minn dawn l-ammonti ser jiġu mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 85.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

85.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-membri preżenti.

## 85.5 Rapporti

***(i) Management Letter & Letter of Reply***

85.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ lill-Accountant ta' dan ir-Reġjun, is-Sur Daniel Galea, sabiex jippreżenta r-rapport ta' l-Awditur kif ukoll ir-riposta.

84.5.2 Is-Sur Daniel Galea ta spjegazzjoni dettaljata tar-rapport ta' l-awdituri kif ukoll it-tweġiba li dan ir-Reġjun qed jgħati.

84.5.3 Is-Sur Galea spjega kif l-awditur ġibed l-attenzjoni fuq kont bankarju fejn ma sar l-ebda rikonċiljazzjoni fuqu peress li dan il-kont kien infetaħ fil-bidu tar-Reġjun però qatt ma reġa ntuża.

84.5.4 Is-Segretarju Eżekkuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, pproponiet sabiex il-flus li hemm eżistenti f'dan il-kont jiġu trasferiti għal kont ewlieni tar-Reġjun u l-kont bankarju li ma kienx qed jiġi użat ikun jista' jintuża sabiex jiġu allokati s-somma ta' €200,000 fuq il-proġett ta' l-ESC Plan.

84.5.5 Dan is-suġġeriment kien approvat unanament mill-membri preżenti.

84.5.6 L-Accountant, is-Sur Daniel Galea, ressaq fuq il-mejda *Business Plan* għas-snin 2017 sa 2019. Huwa spjega li għalkemm m'hemmx allokazzjoni finanzjarja, hija diffiċli ferm biex wieħed jipprepara Budget kif ukoll pjan finanzjarju għal tliet snien.

84.5.3 Wara spjegazjzoni dettaljata, dan il-pjan ġie approvat unanimament.

84.5.4 Is-Sur Michael Fenech Adami qara ċ-ċirkulari mingħuta mill-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, u saret diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar it-tqassim tal-flus mis-surplus tal-LESA wara l-ewwel sena.

84.5.5 Is-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri preżenti dwar l-inizjattiva finanzjarja dwar l-għoti mill-ġdid ta' tarmak lil toroq fir-responsabiltà tal-Kunsilli Lokali.

84.5.6 ***18:15pm – is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchnio Cefai skużat ruħha mill-laqgħa peress li kellha tattendi laqgħa oħra***.

84.5.7 Wara li saret diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil li kopja tad-dokument dwar din l-inizzjattiva għandha tiġi mibghuta lil Kunsilli Lokali ta' dan ir-Reġjun u li s-somma ta' €100,000 għandha tinqasam ugwali bejn dawk il-Kunsilli Lokali li jkunu ressqu l-applikazzjoni tagħhom.

84.5.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippropona li għandha ssir laqgħa ta' introduzzjoni mas-Segretarju Parlamentati, l-Onorevoli Silvio Parnis. Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv għandha titlob l-ewwel laqgħa bejn il-President u l-Onoroveli Parnis flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

84.5.9 Il-Business Plan 2017-2019 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u il-President, is-Sur Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Daniel Galea ta' l-ispjegazzjoni dettaljata li għamel fuq dan ir-rapport.

## 84.6 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Talba mingħand il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Lija*

84.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda it-talba mingħand il-Kunsill Lokali ta’Ħal Lija sabiex jużaw il-fondi mis-surplus ta’ LES sabiex isiru xogħolijiet ta’ *road markings* ġodda fi Triq Preziosi għall-ammont ta’ €1086.78.

85.6.2 Il-membri qablu unaimament dwar dan.

- *Pagamenti pendenti bejn dan ir-Reġjun u l-LESA*

85.6.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif ftit tal-ġimgħat ilu dan ir-Reġjun irċieva kont mingħand il-LESA li jammonta għal €909.65. Dan il-ħlas huwa għat-10% Commission li l-LESA għandha tieħu fuq il-pagamenti li saru għand il-LESA f’isem dan ir-Reġjun. Peress li dan ir-Reġjun qed iħallas għall-ispejjez kollha relatati max-xogħol tat-tribunal, il-President ippropona sabiex dawn il-pagamenti għalissa ma jiġux imħalsa.

85.6.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 85.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

85.7.1 Is-Sindku ta’ Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sindku ta’ Ħ’Attard, is-Sur Stefan Cordina ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 82A u 82B.

85.7.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 85.8 **Mozzjonijiet**

85.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 85.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

85.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 19 ta’ Lulju 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 19 ta’ Lulju, 2017.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |